MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Numru 157/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

Alexander Chircop

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alexander Chircop ta' karta ta' identita' numru 256048(M), akkuzat, talli f'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Dicembru, 1997 u l-15 ta' Dicembru 1998, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra kwantita' ta' materjal li jiswa aktar minn Lm17,649 bi hsara ta' Master Electric Limited u kwantita'

ta’ materjal iehor li jiswa’ aktar minn Lm800 bi hsara ta’ Grech’s Limited li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, l-kariga jew servizz, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-materjal jew li jsir uzu minnhu specifikat – bi ksur tal-artikolu 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn Lm17,649 bi hsara ta’ Master Electric Co. Limited; Lm6,627 bi hsara ta’ Charles Mercieca Limited; Lm2,900 bi hsara ta’ Bathroom Styles Limited; Lm3,353 bi hsara ta’ F.A.M.A Distributors Limited; u Lm800 bi hsara ta’ Grech’s Limited – bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9.

Barra minn hekk l-imsemmi Alexander Chircop huwa akkuzat ukoll li sar recediv b’sentenza definitiva tal-Qorti kif gej:

7 ta’ Ottubru, 1996 Awla 2 (Qorti tal-Magistrati);

Alexander Chircop huwa akkuzat ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ kundizzjonata u cioe’ tal-Artikolu (9) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ sentejn liema decizjoni kienet inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Awla 2) fis-7 ta’ Ottubru 1996.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jippottizaw ir-reati ta’ misapproprjazzjoni u truffa. Jiskaturixxu mill-fatt allegat li l-imputat fil-perjodu indikat fl-akkuza approprja ruhu bla jedd ta’ oggetti li kienu fdati jew ikkunsinnati lilu minn terzi bl-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifiku minnhom, u li fl-istess perjodu ghamel qligh b’qerq kontra l-istess terzi persuni. Tali terzi gew indikati f’hames socjetajiet li huma l-Master Electric Co. Limited, Charles Mercieca Limited, Bathroom Styles Limited, F.A.M.A Distributors Limited u Grech’s Limited. Huwa fil-kuntest ta’ dawn is-socjetajiet u n-negozju li ghadda bejnhom u l-imputat li r-rejita’ tal-imputat ghandha tigi ricerkata fl-ambitu tal-misapproprjazzjoni u t-truffa ossija r-reati li bihom jinsab akkuzat.

Jinghad f’dan l-istadju li m’hemm ebda dubbju, u difatti mhux kontestat mill-imputat, li hu ghamel negozju ma’ dawn is-socjetajiet filli minghandhom akkwista materjal anka f’ammonti sostanzjali. Dan il-materjal kien jikkonsisti f’xoghol konness mal-industija edilizja li fiha kien jopera l-imputat, li stqarr, mhux kontradett, li huwa jahdem ghar-rasu fix-xoghol ta’ kisi, tibjid, dawl, madum etc…

Issa mix-xhieda tar-rappresentanti tad-ditti msemmija jirrisulta li n-negozju li ghadda bejnhom u l-imputat kien dak ta’ bejgh u xiri. Ir-rappresentant ta’ Grech’s Limited jghid li l-imputat meta xtara l-oggetti kien qallu li kien xoghol ghal haddiehor u kien sar jaf li dan ‘il haddiehor lill-imputat kien hallsu. Accetta li itieh bi kreditu. Ir-raprezentant ta’ Bathroom Styles Limited ikkonferma li l-imputat xtara oggetti minghandu u zied li kien tah bi kreditu u ghamillu kambjala. Jghid li l-imputat kien qallu li kellu jiehu xi flus minghand il-Gvern u kien tah il-kelma li kien ser ihallsu zmien tlettin gurnata. Ghaddew xhur u ltaqa mal-imputat li tah cekk post datat izda meta ppresentah, wara li kien immattura, dan ma ssarafx. Sussegwentement l-imputat kien tah Lm1000 kontanti in akkont. Ir-rappresentant tal-F.A.M.A. Distributors Limited irrefera ghax-xiri li l-imputat ghamel u li kien accetta itieh bi kreditu. Semma li f’xi zmien kien waqaf jissuplixxi lill-imputat li kien hemmhekk tah cekk post datat li pero’ baqa

ma giex onorat. Zied li l-imputat kien semmielu li ghandu kumpanija jisimha ‘Dominion’. Ir-rappresentant ta’ Master Electric Co. Ltd stqarr li l-imputat kien mar ghandu akkompanjat minn persuna ohra u qallu li huma ‘kumpanija’, xtara partita oggetti, accetta li ttieh kreditu u tah cekk post-datat li kien fuq isem personali tal-imputat. Ir-rappresentant ta’ Charles Mercieca & Company spjega kif fit-28 ta’ Awissu, 1998 l-imputat kien xtara partita oggetti u hallas b’cekk li meta gie ppresentat ma giex imsarraf.

Illi mill-premess jidher car li l-imsemmija negozji li ghamel l-imputat ma kienx ta’ kunsinna ta’ haga fdata f’idejh bl-obbligu tar-radd lura tal-haga. In-negozji kienu ‘sic et simpliciter’ xiri ta’ varji oggetti li fuqhom, apparti l-ahhar bejgh minghand is-socjeta’ Charles Mercieca, kienu sahansitra saru bi kreditu. Fuq daqshekk allura ghandu jsegwi li l-misapproprjazzjoni hija eskluza u li ghal dak li hija truffa hu palesi, fil-fehma tal-Qorti, li din treggi biss fil-konfront tan-negozju li l-imputat ghamel mas-socjeta’ Charles Mercieca stante li ghal dan in-negozju u fil-mument li sar il-bejgh u l-imputat ha l-konsenja tal-oggetti u hallas b’cekk meta kien jaf (ex admissis) li ma kellux flus fil-bank. Fir-rigward il-bejgh l-iehor ghalkemm ovvjament jirrisulta l-lokupletazzjoni ma rrisultax l-ingann konsistenti f’artifizzi u raggiri tali li jingannaw.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, waqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza izda ssibu hati tat-tieni fil-kuntest ta’ dak spjegat, rat l-Artikolu 308 u 310 u tikkundannah sitt xhur prigunerija li qedghdha pero’ tissospendihom ghall-perjodu ta’ sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f’dan il-perjodu ta’ sena punibbli bi prigunerija.

Fl-ahharnett l-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------